It-tnax-il kappillan ta' Ħal Balzan

# Dun Pietru Pawl Psaila

Kitba ta' Anton Camilleri Dip. LIS

Ftit iżjed minn mitejn sena ilu fl-1809, Ħal Balzan kien qiegħed iħejji biex jilqa' kappillan ġdid. Il-kappillan ta' qablu, Dun Pietru Farrugia, kien ħalla l-Parroċċa f'Diċembru tas-sena ta' qabel, biex jilħaq kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. Floku kellu jilħaq kappillan li wkoll kien joqgħod f'Ħal Qormi. Bejn it-tmiem tat-tmexxija tal-kappillan Farrugia u l-bidu tal-kappillan il-ġdid, il-parroċċa ta' Ħal Balzan tmexxiet mill-Vigarju Kurat Dun Anton Scansciato. Dak iż-żmien Ħal Balzan kien ferm differenti milli hu llum. B'kollox il-popolazzjoni kienet ta' bejn wieħed u ieħor 527 ruħ, li kienu joqogħdu f'106 idjar madwar il-knisja u f'xi rziezet imxerrda lejn Ħal Lija, Birkirkara u Ħ'Attard.[1]

Il-kappillan il-ġdid kien Dun Pietru Pawl Psaila. Id-digriet tal-ħatra kien iffirmat minn Mons. Isqof Mattei fit-18 ta' Marzu 1809, bil-pussess tal-parroċċa jieħdu lejlet il-festa tal-Lunzjata nhar il-Ġimgħa 24 ta' Marzu 1809. Il-funzjoni saret wara nofsinhar, qabel it-tranżlazzjoni u l-kant tal-għasar, u tmexxiet mill-Vigarju Ġenerali Mons. Simone Biagio, bix-xhieda jkunu l-Kan. Dun Ġuzepp Debono u Dun Ġwann Grech Delicata. Il-funzjoni ntemmet bil-kant tat-*Te Deum* u l-Antifona ta' Marija Annunzjata.[2] (2)

## Tfaqqa' l-pesta

Dun Pietru Pawl mexxa l-parroċċa ta' Ħal Balzan bejn l-1809 u l-1815 bl-iżjed żmien diffiċli jkun is-snin 1813 u l-1814, meta Malta ntlaqtet mill-marda tal-pesta. Għalkemm Ħal Balzan ftit kien milqut, iżda l-biża' kien hemm. Il-pesta bdiet fil-bidu ta' April 1813 u baqgħat sejra sa nofs Mejju, 1814 f'xi rħula f'Malta, u b'kollox kienu mietu 4,572 ruħ. L-aktar milquta kienu l-irħula ta' Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ u Birkirkara.[3] Fil-fatt matul dan iż-żmien Psaila kien ikun iżjed f'Ħal Qormi milli ġo Ħal Balzan, jagħti l-għajnuna lill-vittmi, li kif għedt kienu ħafna.[4]

Jidher li bil-kontrolli li saru din il-marda ma resqitx lejn Ħal Balzan, tant li ma jidhirx li mietu nies biha, avolja r-raħal ta' Birkirkara kien infettat sewwa. L-uniku suspett ta' mewt bil-pesta ġara fis-17 ta' Ġunju, 1813 meta mietet tarbija ta' sentejn u nofs. It-tabib kellu xi suspetti dwar mewtha, għalhekk ġiet midfuna fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata u mhux fil-ġdida kif is-soltu kien isir.[5]

Għalkemm ma kienx hemm xi biża' ta' teħid tal-marda fl-aħħar ta' Diċembru 1813, il-knisja Parrokkjali ġiet diżinfettata minn xi mikrobi li seta' kien hemm. Dan sar biex f'Jannar 1814 saret quddiesa kantata għall-ħelsien tal-pesta, li barra l-kappillan ħadu sehem fiha żewġ saċerdoti oħra minn parroċċa oħra biex jgħinu fil-kor.[6]

## Min kien Dun Pietru Pawl

Pietru Pawl Psaila twieled f'Ħaż-Żebbuġ l-Erbgħa 9 ta' Frar 1780, u gie mgħammed f'Ħal Qormi s-Sibt 12 ta' Frar 1780. Missieru kien il-Perit Gian Indri Psaila minn Ħaż-Żebbuġ u ommu Rosa Decelis minn Ħal Qormi. Huma semmewh Pietru għal zijuh, ħu ommu, Dun Piet Decelis, li bejn l-1781 u l-1791 kien it-tmien kappillan ta' Ħal Balzan. Semmewh ukoll Pawlu għax twieled lejlet il-festa ta' San Pawl. Il-missier kien impjegat bħala kapumastru tas-sekrezja maġisterjali tal-Ordni. Il-knisja tal-Madonna tal-Anġli f'Ħaż-Żebbuġ kienet iddisinjata minnu fl-1787. Il-familja Psaila kellha b'kollox sebat itfal, ħames subien u żewġt ibniet. Fost ħutu kien hemm żewġ saċerdoti oħra barra Pietru Pawl, li kienu Dun Ġużeppi Gejtan li kien kappillan tan-Naxxar bejn l-1800 u l-1808, u Dun Franġisk Saver li għal żmien kien Viċi-Parrokku f'Ħal Qormi.[7] Meta ħuh Dun Pietru Pawl kien ġie kappillan f'Ħal Balzan Dun Franġisk Saver kien ġie joqgħod miegħu. Miegħu kienu ġew ukoll oħtu Marija, xebba ta' 43 sena li magħha ġabet ukoll lin-neputija tagħha Rosa Marija ta' 10 snin.[8] Meta Dun Pietru Pawl kien ħalla l-parroċċa ta' Ħal Balzan l-Isqof kien ħatar lil ħuh Dun Franġisk Saver biex ikun Vigarju Kurat, sakemm jilħaq kappillan ieħor. Dan jidher li mexxa bejn Lulju u Awwissu 1814.[9]

## Professur tad-Dommatika

Li jsir saċerdot kienet ħaġa ċerta, għax kemm min-naħa ta' ommu kif ukoll ta' missieru kien hemm ħafna saċerdoti. Wara l-istudji tiegħu fis-seminarju tal-Imdina, fejn zijuh Dun Piet Decelis kien Professur u wkoll Rettur, Dun Pietru Pawl kiseb il-lawrja fit-teoloġija Dommatika mill-Università ta' Malta. Ġie ordnat saċerdot fl-1802, iżda ommu ma kellhiex ix-xorti li tarah jagħmel dan, għax mietet ftit snin qabel. L-ewwel xogħol għal Dun Pietru Pawl kien ta' Professur tad-Dommatika fis-Seminarju.[10]

## Kappillan f'Ħal Balzan

Ftit dam f'din il-kariga għax f'Marzu tal-1809 laħaq it-tnax-il kappillan ta' Ħal Balzan, meta kien għad għandu biss 29 sena. Jgħinuh fil-parroċċa kien hemm ħuh Dun Franġisk Saver, Dun Gian Pawl Dimech, Dun Indri Fenech, Dun Salv Sammut u Dun Franġisk Vassallo.

Fi żmien it-tmexxija tiegħu kif ktibt iżjed qabel, l-iżjed li spikkat kienet il-pesta tal-1813-14. Barra dan, fi żmienu saru wkoll żewġ visti pastorali mill-Isqof Mattei, li kien għadu kif jiġi kkonsagrat Isqof ta' Malta. L-ewwel vista għamilha f'Novembru 1809 u t-tieni waħda saret f'Ottubru 1811.[11] Fi żmienu kienu ordnati tliet saċerdoti: Dun Bartolomeo Samut fit-23 ta' Mejju 1812, Dun Salvatore Mifsud fid-19 ta' Diċembru 1812, u Dun Vinċenz Borg fl-24 ta' Settembru 1814.[12]

## Kappillan ta' Ħal Qormi

Il-ħidma ta' Dun Pietru Pawl f'Ħal Balzan intemmet fit-30 ta' Novembru 1814 għax ġie maħtur kappillan ta' Ħal Qormi, għalkemm hu kien diġà telaq f'Lulju tal-istess sena.[13] Il-pussess bħala kappillan ta' Ħal Qormi ħadu fis-27 ta' Awwissu 1815.[14] Hawn hu dam imexxi sitt snin, meta rreżenja fl-1 ta' Frar 1821, biex jerġa' jmur jgħallem it-teoloġija dommatika fis-seminarju tal-Imdina. Hemm min jgħid li rreżenja fuq insistenza tal-Isqof Mattei, għax riedu jerġa' jmur jgħallem fis-seminarju.[15]

## Professur u Aġent Rettur fl-Università ta' Malta

Meta Patri Giuseppe Ferroni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri kien ħalla s-seminarju biex imur jgħallem id-dommatika fl-Università ta' Malta, Dun Pietru Pawl daħal floku. U meta Ferroni miet fl-1830, postu fl-Università bħala Professur tad-Dommatika ħadu Dun Pietru Pawl. Kien magħruf sewwa għal għerfu, tant li kienu jsejħulu *il piu profondo teologo della diocesi* u anke *l'istruttore universale del clero di Malta*.[16] Bejn l-1842 u l-1844 il-gvern kien ħatru Aġent Rettur tal-Università, kif kien jaħtru kull darba li l-kariga ta' Rettur kienet tkun battala.[17]

## Barra għalliem kien kittieb ukoll

Prof. Psaila ma naqqasx li juri x'jaf fl-erba' kotba li ppubblika. Fl-1841 ippubblika l-ktieb *Riflessioni critiche all'opera di Giorgio Stanley Faber D.D. intitolata difficultà intorno al Romanesimo*. Dan kien joħodha kontra t-tagħlim żbaljat li Giorgio Stanley Faber, Protestant magħruf, kien għamel favur il-knisja Anglikana u kontra l-Knisja Kattolika. Fl-1846 ippubblika l-ktieb dwar id-dnubiet riservati lill-Isqof *Casuum Episcopo Melitensi reservatorum espedita explanatio*. Ktieb ieħor tiegħu *Il primo pascolo del principiante*, kien ippubblikat fl-1848 u sena wara ħareġ il-ktieb *Breve e chiara sposizion del santo giubileo*.[18]

## Monsinjur tal-katidral ta' Malta u tal-Papa Piju IX

Prof. Pietru Pawl Psaila ġie maħtur kanonku tal-katidral bit-titlu ta' Monsinjur fit-8 ta' Ġunju 1834.[19] Waqt li fl-1852 il-Papa Piju IX minn rajh u mingħajr ma rrakkomandah ħadd ħatru Prelat Domestiku tal-Qdusija tiegħu.[20]

## It-tmiem

Mons. Prof. Pietru Psaila, it-tnax-il kappillan ta' Ħal Balzan miet fil-29 ta' Novembru, 1853 fil-għomor ta' 73 sena, f'dar nru 30 Triq San Duminku l-Belt Valletta. Wara l-quddiesa funebri ġie midfun fis-sotterrann tal-katidral tal-Imdina. Iżda wara xi snin il-Monsinjuri qalgħuh u difnuh f'qabar ġdid fil-korsija tal-katidral taħt l-ewwel tarġa tal-presbiterju, qrib it-tron tal-Arċisqof.[21]

© A. Camilleri 2012

**Referenzi**


1 *Ħal Balzan* Jannar/Marzu 1982 p. 3.
2 Ġ. Dimech, *Ħal Balzan, ġrajjietu sal-1999*, Kunsill Lokali Balzan, p.191.
3 G. Micallef, *Ħal Luqa: niesha u ġrajjietha*, 1975, p.221.
4 A. Ferris, Descrizione storica della chiesa di Malta e Gozo, Midsea 1985, p. 362.
5 5. Arkivju Parrokkjali Balzan, *Liber defunctorum* Vol III.
6 *Ħal Balzan*, Jannar/Marzu 1981, p. 2.
7 *Leħen is-Sewwa*, 14.11.1953, p. 3.
8 G. Dimech, *Ħal Balzan, ġrajjietu sal-1999*, Kunsill Lokali Balzan, p.191.
9 Ibid., p.194.
10 J. F. Grima, *Il-knisja Parrokkjali ta' Ħal Qormi: erba' sekli ta' storja*, 1984, p.121.
11 Ġ. Dimech, *Ħal Balzan, ġrajjietu sal-1999*, Kunsill Lokali Balzan, p.192.
12 J. Calleja, *Ordinazzjonijiet saċerdotali 1800-2000*, 2001, p. 7 u 8.
13 Dimech, p.193.
14 Grima, p.
15 *Leħen is-Sewwa*, 14.11.1953, p. 3.
16 Ferris, p. 362-363.
17 A. Vella, *The University of Malta*, 1969, p. 83, 159.
18 R. Mifsud Bonnici, *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali*, Dipt. tal-Informazzjoni 1960, p. 420.
19 Grima, p. 126.
20 Ferris, p. 363.
21 Grima, p. 126.